

# il-hajja ta' kristu gesu'

**7**

## L-ISEM TA' GESU' MOGHTI LIT-TARBIJA



Meta it-tarbija kellu tmient ijiem, Guzeppi u Marija haduh fit-tempju biex jahtnuh u jtuh l-isem helu ta' Gesu, li jfisser salvazzjoni.

Il-Lhud kellhom ligi li tghid li ghal kull l-ewwel tarbija kellha issir offerta lil Mulej. Ghal min kien sinjur, din l-offerta kellu tkun haruf izda min kien fqir, par hamiem kien bizzejjed biex joffruhom lil Alla bhala debha. Meta Gesu' kellu erbghin jum, Guzeppi u Marija haduh fit-tempju biex jaghmlu kif kienet trid il-ligi u biex jaghmlu l-offerta taghhom lil Alla. Huma xtraw par gamiem ghaliex kienu nies fqar u ma setghux igibu maghhom haruf.

Ragel imdahhal fiz-zmien, jismu Simewni kien qieghed fit-tempju meta Guzeppi u Marija gabu l-offerta taghhom. Dan ix-xwejjah serva lil Alla ghal hafna zmien u xtaq jara s-Salvatur li Alla kien wieghed lid-dinja.

Alla kien jaf li Simewni kien jixtieq jara lil Messija u gharrfu li ma kienx sejjer imut qabel ma ghajnejh jaraw is-Salvatur tad-dinja.

Meta Marija gabet lil binha fit-tempju, Simewni mqanqal mill-Ispirtu gharaf li dak it-tarbija ma kienet hadd aktar ghajr il-Feddej.

Resaq lejn Marija u ha lit-tarbija f'idejh. Imbaghad qal : " O Mulej issa tista thalli lil qaddejj tieghek imut fis-sliem ghaliex ghajnejh raw is-salvazzjoni tad-dinja."

Imbaghad dar lejn Marija u Guzeppi u berikom filwaqt li tenna lil Marija: " Ara din it-tarbija ser tkun il-qawmien u l-waqa' ta' hafna u sejf ta' dulur ser jinfed ir-ruh tieghek."

Qaddejja ohra tal- Mulej, dak in-nhar kienet ukoll fit-tempju. Kien jisimha Anna u kienet ukoll tipprofetizza fuq il-Messija. Meta rat lil Gesu' hija wkoll fahhret lil Alla u xandret lil dawk li kienu fit-tempju li Alla kien issa baghtilhom l-imwieghed Messija.

Marija irriturnat f'darha flimkien ma' Guzeppi u Gesu' u zammet f'qalbha dak kollu li intqalilha mir-rghajja, u l-profeti fit-tempju tal-Mulej.

Staghgbet Marija b'dawn il-grajjiet misterjuzi u qaghdet tahseb bejna u bejn ruhha kif Binha Gesu' seta' jkun ir-Re u s-Salvatur tad-dinja.

## RIFLESSJONI

JEKK AHNA TASSEW TA' KRISTU NISTENNEW LI F'XI MUMENTI TA' HAJJINA NGHADDU MIT-TBATIJA BHALMA GHADDEW MINNHA GESU' U OMMU MARIJA. GHALHEKK NITOLBU LIL ALLA BIEX NIRRASENJAW RUHNA MA' KULL KUNTRARJU LIU JIGI FUQNA.